MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 7/2005/2

Rikors Nru: 7/2005

Antonio Said (ID 404024M), u Vincent (ID 163360M), Stephen (ID124869M), Charles (ID 464858M), Raymond (ID 97765M), Joseph (ID 281862M) u Salvina Grixti (ID 78957M) ahwa Said ulied Giuzeppi; u Joseph (ID 363754M), Paul (ID 417456M), Mario (ID 574457M), Emanuel (ID 13360M), Dominic (ID 786752M), Adeodata Micallef (ID 945348M), Angela Bonnici (ID12650M), Salvina Abela (ID593751M), u Carmen Micallef (ID 692261M) ahwa Said ulied Carmelo, u Rozina  Said (ID 568724M) armla ta' l-istess Carmelo

vs

Direttur ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Marzu 2005 fejn esponew illi:

L-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali tad-Direttur ta' l-Artijiet tal-4 ta' Marzu 2005 fejn intimalhom illi qieghed joffrilhom il-prezz ta' hamest elf, tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm5,340) ghal bicca art esproprijata hemm imsemmija, li hija klassifikata bhala art fabbrikabbli skond il-Kap 88, libera u franka, f'H'Attard tal-kejl ta' madwar hamsa u tmenin metri kwadri (85m.k.) ta' liema art huma proprjetarji, kif jirrizulta mill-istess ittra ufficjali.

L-esponenti ma jaqblux mal-valur attribwit mill-intimat ghal din il-bicca art stante li huwa tenwi wisq, tanti illi fid-denunzja ta' Carmelo Said li miet fit-30 ta' Marzu 2003 – Reg NO 945348M; RO CM 2003/01856 – il-bicca art li tmiss maghha tal-kejl ta' 92 metru kwadru (92m.k.) giet stmata mill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-fini tat-taxxa tal-mewt li hi tal-valur ta' sitta u tletin elf u tminn mitt lira (Lm36,800), kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, u t-taxxa tal-mewt relattiva thallset fuq dan il-valur, u ghalhekk l-art esproprijata ta' hamsa u tmenin metru kwadru (85m.k.) tiswa erba' u tletin elf lira (Lm34,000). Din hija l-kompensazzjoni li ghandha tithallas (art 27(b) tal-Kap 88).

Ghalhekk l-esponenti bir-rispett jitolbu li dan il-Bord jiffissa l-valur tal-bicca art esproprijata ghall-fini tal-kumpens dovut lilhom mill-intimat fl-ammont ta' erba' u tletin elf lira (Lm34,000) kif fuq intqal, bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta ta' l-intimat ipprezentata fit-23 ta' Gunju, 2005 fejn espona:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors iddatat 18 ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonat ghall-valur offrut lilhom mill-Gvern ta' hamest elf, tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm5,340) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta' bicca art gewwa H'Attard tal-kejl ta' 85 metru kwadru u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' erba' u tletin elf lira (Lm34,000);

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust ta' l-art huwa dak fuq citat, u cioe l-ammont ta' hamest elf, tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm5,340), li huwa dak l-ammont li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Ottubru 2003 permezz tal-Avviz numru 969;

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' hamest elf, tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm5,340) bhal l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-art fuq imsemmija.

Ra l-partijiet gew notifikati bid-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tas-27 ta' Gunju 2005 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Michelangelo Refalo u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet jaqblu li l-art hija fabbrikabbli.

Ra li l-periti fir-rapport taghhom ikkwalifikaw l-art bhala fabbrikabbli u stmaw il-kumpens fl-ammont ta' Lm32,300 bir-rata ta' Lm380 metru kwadru a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Bord jaghmel tieghu r-relazzjoni tal-periti u jordna t-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art f'H'Attard tal-kejl ta' 85 metru kwadru bil-kumpens ta' LM32,300. L-att opportun ghandu jigi ppubblikat minn Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar ta' l-intimat fl-ufficju ta' dan ta' l-ahhar nhar l-Erbgha 24 ta' Jannar 2007 fid-9:30a.m., jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha floku, jahtar lill-Avukat Dottor Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghal kontumaci u dan ghandu jigi mgharraf mill-intimat bil-miktub bil-hatra.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompententi u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------